

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## C 446

### tal-Unjoni Ewropea



Volum 60

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

29 ta' Diċembru 2017

Werrej

#### II *Komunikazzjonijiet*

##### DIKJARAZZJONIJIET KONĠUNTI

2017/C 446/01	Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi tal-UE għall-2018-2019 .....	1
2017/C 446/02	Dikjarazzjoni mill-President tal-Parlament Ewropew dwar ir-riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni .....	4

##### KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

##### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2017/C 446/03	Il-pubblikazzjoni fuq is-sit web EUROPA tal-koeffiċjenti tal-allokazzjoni u riżultati oħrajn tal-proċess ta' allokazzjoni tal-kwoti tariffarji (tariff rate quotas, TRQs) għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni ġestiti permezz tal-metodu tal-eżami simultanju jew metodi oħrajn li jirrikjedu l-ħruġ ta' liċenzji ta' importazzjoni jew esportazzjoni .....	5
---------------	---	---

#### IV *Informazzjoni*

##### INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

##### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2017/C 446/04	Rata tal-kambju tal-euro .....	6
---------------	--------------------------------	---

MT



## II

(Komunikazzjonijiet)

## DIKJARAZZJONIJIET KONĠUNTI

**Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prijoritajiet leġislattivi tal-UE għall-2018-2019**

(2017/C 446/01)

Il-ġejjieni tal-Ewropa jinsab f'idejna. Konvinti li l-Unjoni Ewropea hija l-aqwa strument biex niksbu l-oġettivi tagħna, ser inkomplu naħdmu flimkien biex l-Unjoni tagħna nagħmluha aktar b'saħħitha, aktar magħquda u aktar demokratika fis-snin li ġejjin.

L-Ewropa qed tirkupra saħħitha u rridu nieħdu vantaġġ minn dan ir-ritmu mġedded. Issa li fadal xi 18-il xahar sal-elezzjonijiet Ewropej li jmiss, mument demokratiku ċentrali biex il-votanti jivvalutaw kemm hi effettiva l-Unjoni, dan hu ż-żmien li għandna nuru li l-Ewropa tista' tipprovi riżultati konkreti liċ-ċittadini tagħha fil-ħin u fejn hu importanti.

Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prijoritajiet leġislattivi tal-UE għall-2017, l-ewwel waħda minn meta dan l-istrument inħoloq permezz tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016, uriet il-valur tagħha bħala mezz biex tinżamm l-attenzjoni politika fuq il-proposti ewlenin fejn huma l-aktar meħtieġa riżultati, u għandha tiġġedded għall-perijodu li jkopri sal-elezzjonijiet Ewropej.

It-tliet Istituzzjonijiet jaqblu li jwettqu aġenda pożittiva għal UE aktar inklużiva u aktar magħquda u qafas finanzjarju ġdid li jħares 'il quddiem għas-snin wara l-2020, b'appoġġ għall-oġettivi tal-Unjoni u biex jiġi żgurat il-bilanċ xieraq bejn il-politiki tal-UE fl-interess taċ-ċittadini. F'konformità ma' dan is-sens qawwi ta' twettiq, ser nittrattaw bħala prijorità fil-proċess leġislativ l-inizjattivi msemmijin hawn taħt biex niżguraw progress sostanzjali fihom u, jekk jista' jkun, inwettquhom qabel l-elezzjonijiet Ewropej tal-2019:

1. Niproteġu aħjar is-sigurtà taċ-ċittadini tagħna, billi niżguraw li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jkunu jafu min qed jaqsam il-fruntieri esterni komuni tagħna, sistemi interoperabbli ta' informazzjoni tal-UE għas-sigurtà, ir-rekords kriminali, il-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni, billi nsaħħu l-istrumenti tagħna għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u kontra l-ħasil tal-flus, u billi nsaħħu l-kompetittività u l-innovazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni permezz ta' Fond Ewropew għad-Difiża;
2. Nirrifirmaw u niżviluppaw il-politika tagħna dwar il-migrazzjoni fi spirtu ta' responsabbiltà u solidarjetà, inkluż r-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, inkluż il-mekkaniżmu ta' Dublin, u l-pakkett dwar il-migrazzjoni legali;
3. Nagħtu spinta ġdida lill-impjegji, it-tkabbir u l-investiment, billi nimmodernizzaw l-istrumenti tad-difiża tal-kummerċ tal-UE u nagħmlu progress fl-iskrinjar tal-investiment dirett barrani fl-UE, billi ntejbu l-ġestjoni tal-iskart f'ekonomija ċirkolari, billi nkomplu bl-isforzi tagħna għal Unjoni Ekonomika u Monetarja aktar profonda, u billi nlestu l-Unjoni Bankarja tagħna b'mod li jibbilanċja l-kondiviżjoni tar-riskju u t-tnaqqis tar-riskju;
4. Nindirizzaw id-dimensjoni soċjali tal-Unjoni Ewropea, billi naħdmu fuq it-titjib tal-koordinament tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, billi niproteġu l-ħaddiema minn riskji għal saħħithom fuq il-post tax-xogħol, billi niżguraw trattament ġust għal kulħadd fis-swieq tax-xogħol tagħna permezz ta' regoli modernizzati dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema, u billi ntejbu l-infurzar transkonfinali;
5. Inwettqu l-impenn tagħna li nimplimentaw Suq Uniku Diġitali kollegat, billi nlestu l-immodernizzar tar-regoli għas-settur tal-komunikazzjoni elettronika, billi nissettjaw standards ogħla ta' protezzjoni tal-konsumatur għall-bejgħ bl-Internet u mill-bogħod ta' oġġetti kemm diġitali kif ukoll fiżiċi, u billi nsaħħu ċ-ċibersigurtà;
6. Inwettqu l-oġettiv tagħna ta' Unjoni tal-Enerġija ambizzjuża u politika dwar it-tibdil fil-klima li tħares 'il quddiem, b'mod partikolari billi nimplimentaw il-qafas għall-klima u l-enerġija għall-2030, billi nkomplu nsewgu l-Ftehim ta' Pariġi, inkluż b'leġislażjoni dwar enerġija nadifa għall-Ewropej kollha u dwar mobbiltà nadifa;
7. Inkomplu niżviluppaw il-leġittimità demokratika fil-livell tal-UE, billi ntejbu l-funzjonament tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej u billi nżidu t-trasparenza fil-finanzjament tal-partiti politiċi.

Barra minn hekk, naqblu li hemm bżonn isir progress ukoll fil-kwistjonijiet importanti li ġejjin:

- Inkomplu bl-impenn tagħna favur il-valuri komuni Ewropej, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, it-tisħiħ tal-leġittimità demokratika tal-UE kif ukoll l-impenn konġunt tagħna li nieqfu kontra d-diskriminazzjoni u l-ksenofobija;
- Naħdmu lejn politika kummerċjali robusta, miftuħa u bbażata fuq ir-regoli, bil-konvinzjoni li l-kummerċ jikkontribwixxi għall-ħolqien tal-ġid u l-impjiegi;
- Nindirizzaw il-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa, kif ukoll niżguraw sistema tat-taxxa li tkun b'saħħitha u ġusta;
- Niżguraw li l-protezzjoni soċjali u d-drittijiet soċjali jkunu ġusti u ta' livell adegwat, kif stabbilit fl-20 prinċipju bażiku tal-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali;
- Insaħħu r-rwol tal-UE fil-protezzjoni u l-ħarsien tal-interessi tagħna lil hinn mill-fruntiera tagħha u fil-kontribut għall-istabbiltà, is-sigurtà u l-paċi;
- Niżguraw livell għoli ta' protezzjoni tad-data, drittijiet diġitali u standards etiċi filwaqt li naħsdu l-benefiċċji u nevitaw ir-riskji tal-iżviluppi fl-intelliġenza artifiċjali u r-robotika.

It-tliet Istituzzjonijiet jaqblu wkoll li jkomplu jaħdmu fuq il-proposti kollha pendenti.

Filwaqt li nkiseb progress sostanzjali fit-tweqqif tal-proposti prijoritarji identifikati fid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-2017, ninsabu determinati li nlestu x-xogħol li ntrabatna li nagħmlu. Ser inkomplu naħdmu fuq il-proposti ppreżentati sa minn Diċembru 2016. Ser nittrattaw ukoll il-proposti leġiżlattivi li jinsabu fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2018.

Nibqgħu impenjati favur il-promozzjoni tal-implimentazzjoni korretta u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

Aħna, bħala l-Prezidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni Ewropea, ser nagħmlu monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni fil-ħin u effiċjenti ta' din id-Dikjarazzjoni Konġunta.

Antonio TAJANI  
*President tal-Parlament Ewropew*

Jüri RATAS  
*President tal-Kunsill*

Jean-Claude JUNCKER  
*President tal-Kummissjoni Ewropea*

—

**Dikjarazzjoni tal-Kunsill**

Fir-rigward tar-referenza fid-dikjarazzjoni konġunta għat-tlestija tal-Unjoni Bankarja, jifakkru l-konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN tas-17 ta' Ġunju 2016 dwar pjan direzzjonali biex titlesta l-Unjoni Bankarja. Il-Kunsill jibqa' impenjat għal dan il-pjan direzzjonali u jissottolinja l-ħtieġa li titlesta l-Unjoni Bankarja f'termini tat-tnaqqis u l-kondiviżjoni tar-riskji fis-settur finanzjarju, fis-sekwenza adatta, kif jinsab f'dawn il-konklużjonijiet.

---

**Dikjarazzjoni mill-President tal-Parlament Ewropew dwar ir-riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni**

(2017/C 446/02)

Bla preġudizzju għall-Artikolu 311 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew huwa impenjat favur ir-riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji. F'dan il-kuntest, il-Parlament Ewropew jissottolinja l-ħtieġa li jsiru proposti leġiżlattivi komprensivi dwar ir-riżorsi proprji tal-Unjoni flimkien mal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. Id-dħul u l-infiq tal-Unjoni għandhom jiġu ttrattati b'mod parallel.

---

## KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

### IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Il-pubblikazzjoni fuq is-sit web EUROPA tal-koeffiċjenti tal-allokkazzjoni u riżultati oħrajn tal-proċess ta' allokkazzjoni tal-kwoti tariffarji (tariff rate quotas, TRQs) għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni ġestiti permezz tal-metodu tal-eżami simultanju jew metodi oħrajn li jirrikjedu l-ħruġ ta' liċenzji ta' importazzjoni jew esportazzjoni**

(2017/C 446/03)

Skont l-Artikolu 188 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup> li ġie emendat bl-Artikolu 4(19) tar-Regolament (UE) 2017/2393 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(2)</sup>, mill-1 ta' Jannar 2018, u permezz tas-sit web EUROPA, il-Kummissjoni se tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku r-riżultati tal-allokkazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni u għall-esportazzjoni nnotifikati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni. Il-pubblikazzjoni fuq is-sit web EUROPA tissostitwixxi l-adozzjoni u l-pubblikazzjoni tal-Atti ta' Implimentazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, Serje L, għall-istess finijiet, mill-1 ta' Jannar 2018.

Dawn ir-riżultati jiġu kkalkulati billi jittieħdu l-kwantità disponibbli tal-kwota tariffarja u l-kwantità li jkun għamlu talba għaliha l-operaturi u li l-Istati Membri jkun nnotifikaw lill-Kummissjoni.

Il-pubblikazzjonijiet fuq is-sit web EUROPA jistgħu wkoll ikopru r-rifjuti tat-talbiet, is-sospensjoni tat-tressiq tat-talbiet jew l-irtirar tas-sospensjoni tat-talbiet.

L-Istati Membri għandhom joħorġu liċenzji għall-kwantitajiet li tkun saret talba għalihom fil-kwoti tariffarji tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni, soġġetti għall-koeffiċjenti tal-allokkazzjoni, wara li l-Kummissjoni tkun ippubblikat dawn il-koeffiċjenti.

Koeffiċjent tal-allokkazzjoni għall-Kwoti Tariffarji – Importazzjoni/Esportazzjoni

[https://ec.europa.eu/agriculture/index\\_en](https://ec.europa.eu/agriculture/index_en)

[https://ec.europa.eu/agriculture/tariff-rate-quotas-trqs\\_en](https://ec.europa.eu/agriculture/tariff-rate-quotas-trqs_en)

[https://ec.europa.eu/agriculture/markets\\_en](https://ec.europa.eu/agriculture/markets_en)

---

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/2393 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), (UE) Nru 1306/2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1307/2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u (UE) Nru 652/2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduktiv tal-pjanti (ĠU L 350, 29.12.2017, p. 15).

## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro <sup>(1)</sup>****It-28 ta' Diċembru 2017**

(2017/C 446/04)

**1 euro =**

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,1934	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5049
JPY	Yen Ġappuniż	134,74	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,3274
DKK	Krona Daniża	7,4455	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6856
GBP	Lira Sterlina	0,88768	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5968
SEK	Krona Żvediża	9,8452	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 276,37
CHF	Frank Żvizzeru	1,1704	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	14,7325
ISK	Krona İzlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,8001
NOK	Krona Norveġiża	9,8670	HRK	Kuna Kroata	7,5115
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	16 184,89
CZK	Krona Ċeka	25,645	MYR	Ringgit Malażjan	4,8530
HUF	Forint Ungeriż	310,30	PHP	Peso Filippin	59,561
PLN	Zloty Pollakk	4,1808	RUB	Rouble Russu	68,7979
RON	Leu Rumun	4,6520	THB	Baht Tajlandiż	38,929
TRY	Lira Turka	4,5459	BRL	Real Brażiljan	3,9496
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5330	MXN	Peso Messikan	23,4672
			INR	Rupi Indjan	76,4730

<sup>(1)</sup> Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.









ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

**MT**